MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-3 ta' Settembru, 2007

Numru. 433/2007

PULIZIJA
SPETTUR ROMINA VENEZIANI
VS
BRIDGETTE GALEA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Bridgette Galea, bint Spiridione Buttigieg u Mary nee' Pace, imwielda Pieta' nhar is-26 t'April 1969 u residenti gewwa 60, Triq Gaffar, Sliema, u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 172069(M), u akkuzata talli fit-18 ta' Settembru 2006, gewwa Tas-Sliema, ghal habta ta' l-4.30 ta' filghodu, bil-hsieb li taghmel hsara lil Aburahim Eshansan Bentaala, akkuzatu quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kienet taf li hu kien innocenti ghal fatt biss li tkun akkuzatu, bi ksur ta' l-Artikolu 101(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva b'reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot tracci ta' reat b'mod li jistghu jibdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-20 ta' Settembru 2006 gewwa l-ghassa ta' Tas-Sliema, halfet il-falz quddiem ufficjal iehor li kellu s-setgha b'ligi jaghti gurament, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 108(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 13) u tal-imputata (a fol 16) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata (a fol 14).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputata tirripensa ruha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghha, din il-Qorti ssib lill-imputata hatja skond l-akkuzi, u wara li rat l-Artikoli 101(1)(a), 110(2), 108(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 7 tal-Kap 446, tqieghda taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tliet snin, taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputata u l-fatt li hija 'a first offender'.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------